Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fil-25 ta’ Jannar 2018[1]

**Kawża C-671/16**

**Inter-Environnement Bruxelles ASBL,**
**Groupe d’Animation du Quartier Européen de la Ville de Bruxelles ASBL,**
**Association du Quartier Léopold ASBL,**
**Brusselse Raad voor het Leefmilieu ASBL,**
**Pierre Picard,**
**David Weytsman**
**vs**
**Région de Bruxelles-Capitale**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju))

“Talba għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 2001/42/KE – Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent – Pjanijiet u programmi – Definizzjoni – Regolament reġjonali dwar l-ippjanar urbanistiku fuq il-bażi ta’ żoni”

## I. Introduzzjoni

1. Il-kunċett “pjanijiet u programmi” huwa ta’ importanza ċentrali għad-determinazzjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-istima tal-effetti ta’ ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent[2] (iktar ’il quddiem id-“Direttiva ESA”, fejn ESA tfisser evalwazzjoni strateġika ambjentali). Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja reċentement ippreċiżat l-interpretazzjoni tal-imsemmi kunċett[3], iżda kif turi wkoll il-kawża Thybaut *et* (C-160/17), li fiha jiena wkoll nippreżenta l-konklużjonijiet tiegħi llum, f’dan ir-rigward għad hemm domandi li jeħtieġu risposta.

2. Is-suġġett ta’ din il-kawża huwa regolament reġjonali dwar l-ippjanar urbanistiku fuq il-bażi ta’ żoni, li jinkludi rekwiżiti speċifiċi għall-eżekuzzjoni ta’ proġetti ta’ kostruzzjoni fil-kwartieri Ewropej ta’ Brussell. Madankollu, ir-Renju tal-Belġju, partikolarment, qiegħed diġà f’din il-proċedura sabiex jenfasizza li għandha tiġi eskluża l-applikazzjoni tad-Direttiva ESA għal dispożizzjonijiet ġenerali ta’ natura kważi ġuridika.

1 Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.
2 Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Ġunju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157).
3 Sentenza tas-27 ta’ Ottubru 2016, D’Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, punt 49).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

3. L-għanijiet tad-Direttiva ESA huma b'mod partikolari stabbiliti fl-Artikolu 1:

"L-għan ta' din id-Direttiva hu li jsiru disposizzjonijiet għal livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u biex issir kontribuzzjoni għall-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet ambjentali fil-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' pjanijiet u programmi bil-għan li jkun jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, billi jkun assigurat li, skond din id-Direttiva, issir stima ambjentali ta' ċerti pjanijiet u programmi li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent."

4. Il-pjanijiet u l-programmi huma ddefiniti fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'pjanijiet u programmi' tfisser pjanijiet u programmi, inklużi dawk ko-finanzjati mill-Komunità Ewropea, kif ukoll xi modifiki li jsirulhom:

   – li huma suġġetti għall-preparazzjoni u/jew adozzjoni minn xi awtorita nazzjonali, reġjonali jew livell lokali jew li jkunu preparati minn xi awtorita għall-adozzjoni, permezz ta' proċedura leġislattiva mill-Parlament jew il-Gvern, u

   – li huma meħtieġa permezz ta' disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi".

5. Għal din il-kawża huwa partikolarment ta' interess l-obbligu li ssir evalwazzjoni strateġika ambjentali skont l-Artikolu 3(2)(a):

"Bla ħsara għall-paragrafu 3, stima ambjentali għandha ssir għall-pjanijiet u l-programmi kollha,

(a) li huma ppreparati għall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-enerġija, l-industrija, it-trasport, l-immaniġġjar ta' l-iskart, l-amministrazzjoni ta' l-ilma, it-telekomunikazzjonijiet, it-turiżmu, pjanar ta' bliet u l-kampanja jew l-użu ta' l-art u li jistabilixxu l-qafas għall-kunsens futur għall-iżvilupp tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva [EEA[4]] […]"

### *B. Id-dritt nazzjonali*

6. L-Artikoli 88 u 89 tal-Code bruxellois de l'aménagement du territoire (il-Kodiċi ta' Brussell dwar l-ippjanar tal-użu tal-art) jirregolaw is-suġġett u l-adozzjoni ta' regolamenti reġjonali dwar l-ippjanar urbanistiku.

## III. Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

7. It-talba għal deċiżjoni preliminari hija bbażata fuq rikors ippreżentat minn Inter-Environnement Bruxelles *et* kontra d-digriet tal-Gvern tar-Reġjun ta' Bruxelles-Capitale (il-Belġju), tat-12 ta' Diċembru 2013, li japprova r-regolament reġjonali dwar l-ippjanar urbanistiku fuq il-bażi ta' żoni kif ukoll il-kompożizzjoni tal-fajls ta' applikazzjonijiet għal ċertifikati u awtorizzazzjonijiet urbani għaż-żona tar-Rue de la Loi u l-viċinanzi.

4 Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2011, L 26, p. 1), emendata bid-Direttiva 2014/52/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 (ĠU 2014, L 124, p. 1).

8. L-hekk imsejħin regolamenti reġjonali dwar l-ippjanar urbanistiku "fuq il-bażi ta' żoni" essenzjalment jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet applikabbli f'distrett partikolari (żona) għall-bini (għoli, dimensjonijiet, linji tal-bini, superfiċji tal-bini, tisqif, antenni), għall-ispazji mingħajr bini (superfiċji minimi, disinn) kif ukoll għall-ispazji miftuħin (pubbliċi). Fid-distrett inkwistjoni, dawn id-dispożizzjonijiet jissostitwixxu d-dispożizzjonijiet ġenerali tar-regolament reġjonali (bażiku) dwar l-ippjanar urbanistiku.

9. Fit-12 ta' Diċembru 2013, il-Gvern adotta r-regolament ikkontestat fil-kawża prinċipali.

10. Fl-istess jum, il-Gvern adotta wkoll digriet dwar l-implementazzjoni tal-abbozz li jistabbilixxi disinn urban għar-Rue de la Loi u għall-viċinanzi tagħha fil-kwartieri Ewropej permezz ta' pjan speċjali tal-iżvilupp tat-territorju. Dan jirregola, *inter alia*, l-allokazzjonijiet għal appartamenti, uffiċini, ħwienet u stabbilimenti tal-akkomodazzjoni kif ukoll għal faċilitajiet tal-komunità u pubbliċi. Dan jikkonċerna wkoll il-passaġġi, il-possibbiltajiet tal-parkeġġ u l-aċċess għaż-żona. Kontra dan id-digriet ġie ppreżentat rikors għal annullament li ġie miċħud permezz ta' sentenza oħra tal-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju) tal-14 ta' Diċembru 2016.

11. Fir-rigward ta' din il-proċedura, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jagħmel id-domanda li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

L-Artikolu 2(a) tad-[Direttiva ESA] għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi fil-kunċett ta' "pjanijiet u programmi" regolament dwar l-urbanistika adottat minn awtorità reġjonali:

– li jinkludi kartografija li tistabbilixxi ż-żona ta' applikazzjoni tiegħu, limitata għal distrett wieħed, u li tiddelimita fi ħdan din iż-żona ġżejjer differenti li għalihom japplikaw regoli differenti fir-rigward tal-lok u tal-għoli tal-bini; u

– li jipprevedi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi ta' ppjanar għal żoni li jinsabu madwar il-bini, kif ukoll indikazzjonijiet preċiżi dwar l-applikazzjoni spazjali ta' ċerti regoli li jistabbilixxi li jieħdu inkunsiderazzjoni t-toroq, linji dritti ttraċċjati perpendikularment għal dawn it-toroq u distanzi fir-rigward tal-allinjament ta' dawn it-toroq; u

– li għandu bħala għan it-trasformazzjoni tad-distrett ikkonċernat; u

– li jistabbilixxi regoli dwar il-kompożizzjoni tal-fajls ta' applikazzjonijiet għall-urbanistika sottomessi għall-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent f'dan id-distrett?

12. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Inter-Environnement Bruxelles *et*, mir-Renju tal-Belġju, mir-Repubblika Ċeka kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Salv għar-Repubblika Ċeka, dawn il-partijiet kif ukoll ir-Renju tad-Danimarka dehru fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2017, li kienet tirrigwarda kemm din il-proċedura kif ukoll il-Kawża C-160/17, Thybaut *et*.

## IV. L-analiżi ġuridika

13. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) jixtieq isir jaf jekk ir-regolament dwar l-ippjanar urbanistiku fuq il-bażi ta' żoni kontenzjuż għandux jitqies li huwa pjan jew programm fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA.

14. Għalhekk, fl-ewwel lok għandha tiġi indirizzata fil-qosor id-"definizzjoni" tal-pjanijiet u tal-programmi kif stabbilita fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA u mbagħad, fit-tieni lok, l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' dan il-kunċett. Fuq din il-bażi jistgħu jiġu pprovduti indikazzjonijiet għall-eżami ta' jekk ir-regolament dwar l-ippjanar urbanistiku kontenzjuż għandux jitqies li huwa pjan jew programm u, finalment, għandhom jiġu mistħarrġa l-ilmenti invokati partikolarment mir-Renju tal-Belġju kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### *A. Fuq l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA*

15. L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA jistabbilixxi li t-termini "pjanijiet u programmi" għandhom jinftiehmu bħala l-pjanijiet u l-programmi kif ukoll l-emendi tagħhom li, *l-ewwel nett*, ikunu mfassla u/jew adottati minn awtorità fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali jew imfassla minn awtorità għall-adozzjoni tagħhom mill-parlament jew mill-gvern, permezz ta' proċedura leġiżlattiva u li, *it-tieni nett*, ikunu meħtieġa minn liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi.

16. F'dan il-każ, dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma humiex ikkontestati. Ir-regolament dwar l-ippjanar urbanistiku ġie adottat minn awtorità reġjonali, jiġifieri mill-Gvern tar-Reġjun ta' Bruxelles-Capitale. Barra minn hekk, fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, għalkemm it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludix riferiment għal obbligu li jiġi adottat regolament dwar l-ippjanar urbanistiku, huwa suffiċjenti li miżura tkun irregolata fil-leġiżlazzjoni u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, li jistabbilixxu l-awtoritajiet kompetenti sabiex jadottawha u l-proċeduri għall-preparazzjoni tagħha [5]. L-Artikoli 88 u 89 tal-Kodiċi ta' Brussell dwar l-ippjanar tal-użu tal-art, irriprodotti fit-talba għal deċiżjoni preliminari, jinkludu dispożizzjonijiet korrispondenti dwar regolamenti dwar l-ippjanar urbanistiku.

17. Konsegwentement, ir-regolament dwar l-ippjanar urbanistiku kontenzjuż jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA.

### *B. Fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett "pjanijiet u programmi" fid-dawl tas-sentenza D'Oultremont*

18. Tabilħaqq, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ma huwiex ikkonċernat bl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA, iżda dwar jekk jeżistux karatteristiċi oħra li huma sinjifikattivi sabiex tingħata risposta għad-domanda dwar jekk miżura bħar-regolament dwar l-ippjanar urbanistiku fuq il-bażi ta' żoni kontenzjuż tikkostitwixxix pjan jew programm.

19. Il-punt tat-tluq sabiex tingħata risposta għal din id-domanda huwa l-fatt li l-evalwazzjoni ambjentali, kif turi l-premessa 4 tad-Direttiva ESA, hija għodda importanti sabiex ikunu integrati kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-preparazzjoni u fl-adozzjoni ta' ċerti pjanijiet u programmi [6]. Barra minn hekk, id-delimitazzjoni tal-kunċett ta' "pjanijiet u programmi" fir-rigward ta' miżuri oħra li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva għandha ssir fir-rigward tal-għan essenzjali stabbilit fl-Artikolu 1 tagħha, jiġifieri li l-pjanijiet u programmi li x'aktarx ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jiġu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali [7]. Madankollu, fid-dawl tal-għan tal-imsemmija direttiva, li huwa dak li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent, id-dispożizzjonijiet li jiffissaw il-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u b'mod partikolari dawk li jipprovdu d-definizzjonijiet tal-atti koperti minnha, għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa' [8].

5 Sentenza tat-22 ta' Marzu 2012, Inter-Environnement Bruxelles *et* (C-567/10, EU:C:2012:159, punt 31).

6 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D'Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, punt 38).

7 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D'Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, punt 39).

8 Sentenzi tat-22 ta' Marzu 2012, Inter-Environnement Bruxelles *et* (C-567/10, EU:C:2012:159, punt 37), tal-10 ta' Settembru 2015, Dimos Kropias Attikis (C-473/14, EU:C:2015:582, punt 50), u tas-27 ta' Ottubru 2016, D'Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, punt 40).

20. Il-ġurisprudenza eżistenti essenzjalment tikkonċerna pjanijiet u programmi li għalihom kienet meħtieġa evalwazzjoni ambjentali skont l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva ESA. Skont din id-dispożizzjoni, evalwazzjoni ambjentali għandha titwettaq għall-pjanijiet u għall-programmi kollha li huma mfassla għas-setturi tal-agrikoltura, tal-forestrija, tas-sajd, tal-enerġija, tal-industrija, tat-trasport, tal-immaniġġjar tal-iskart, tal-immaniġġjar tal-ilma, tat-telekomunikazzjoni, tat-turiżmu, tal-ippjanar tat-territorju urban u rurali jew tal-użu tal-artijiet u li jiddefinixxu l-qafas għall-awtorizzazzjoni futura ta' *proġetti* koperti mid-Direttiva EEA. Barra minn hekk, qafas għall-awtorizzazzjoni ta' proġetti li ma humiex suġġetti għad-Direttiva EEA jista' jeżiġi evalwazzjoni ambjentali skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva ESA[9].

21. It-tfassil ta' qafas għal deċiżjonijiet sussegwenti huwa karatteristiku għal miżuri li jagħmlu parti minn ġerarkija regolatorja. Ir-rekwiżiti jiġu kkonkretizzati iktar ma tasal fil-qrib deċiżjoni finali dwar il-każ individwali, pereżempju approvazzjoni għall-bini. Madankollu, fl-istess waqt, meta tittieħed deċiżjoni fil-każ individwali, il-marġni ta' diskrezzjoni possibbli normalment ikunu diġà ristretti permezz ta' miżuri ta' livell ogħla, fil-każ tal-awtorizzazzjoni tal-bini permezz ta' regoli dwar il-bini jew l-użu possibbli ta' superfiċji speċifiċi. F'dan il-mudell ġerarkiku, id-Direttiva ESA għandha tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet li x'aktarx ikollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jiġu stabbiliti biss wara li jkunu ġew evalwati dawn l-effetti[10].

22. F'dawn iċ-ċirkustanzi għandha tittieħed inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża D'Oultremont: din tipprovdi li l-kunċett ta' "pjanijiet u programmi" "huwa relatat ma' kull att li jistabbilixxi, billi jiddefinixxi regoli u proċeduri ta' kontroll applikabbli għas-settur ikkonċernat, ġabra sinjifikattiva ta' kriterji u ta' modalitajiet għall-awtorizzazzjoni u għall-implementazzjoni ta' proġett wieħed jew iktar li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent"[11].

23. Din l-interpretazzjoni tal-kunċett "pjanijiet u programmi" fis-sentenza D'Oultremont minn naħa għandha tiżgura, f'ġerarkija regolatorja, l-evalwazzjoni ambjentali ta' rekwiżiti li jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent. Iżda, min-naħa l-oħra, fis-sens tar-regola *de minimis*, din l-interpretazzjoni għandha tevita li l-ispeċifikazzjoni iżolata ta' kriterji jew ta' modalitajiet individwali tkun tirrikjedi evalwazzjoni ambjentali.

24. Għaldaqstant, ir-Renju tad-Danimarka jenfasizza li ġabra sinjifikattiva ta' kriterji u ta' modalitajiet teżiġi numru kbir ta' speċifikazzjonijiet u li, barra minn hekk, dawn għandhom jiġu attribwiti ċertu piż.

25. Madankollu, ma jikkonvinċinix l-approċċ *kwantitattiv* li jikkonċentra fuq in-numru ta' speċifikazzjonijiet. Dan għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li għandhom jiġu evitati strateġiji possibbli għall-evażjoni tal-obbligi stabbiliti mid-Direttiva ESA li jistgħu jimmaterjalizzaw minn frammentazzjoni ta' miżuri u li għalhekk inaqqsu l-effett utli ta' din id-direttiva[12].

9 Madankollu, għal raġunijiet ta' kompletezza nfakkar li hemm mill-inqas każ ieħor, indipendenti minn qafas għall-awtorizzazzjoni ta' proġetti, fejn jeżisti obbligu li ssir evalwazzjoni ambjentali tal-pjanijiet u tal-programmi, jiġifieri l-każ previst fl-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva ESA. Skont din id-dispożizzjoni, għandha ssir evalwazzjoni ta' dawk il-pjanijiet u l-programmi li huma suġġetti għall-evalwazzjoni speċjali tal-effetti, skont l-Artikolu 6(3) tad- Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), li tkopri biss parti mill-affetti ambjentali.

10 Proposta għal direttiva tal-Kunsill rigward l-evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (COM(96) 511 final, p. 6). Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Terre wallonne u Inter-Environnement Wallonie (C-105/09 u C-110/09, EU:C:2010:120, punti 31 u 32) kif ukoll il-konklużjonijiet tal-lum fil-kawża Thybaut *et* (C-160/17, punt 37).

11 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D'Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, punt 49).

12 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D'Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, punt 48).

26. Konsegwentement, l-ispeċifikazzjoni tal-kriterju ta' "ġabra sinjifikattiva" għandha tiġi ffukata *b'mod kwalitattiv* fuq l-għan stipulat partikolarment fl-Artikolu 1 tad-Direttiva ESA, jiġifieri li pjanijiet u programmi li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent jiġu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali [13].

27. Għalhekk, l-istabbiliment ta' kriterji u ta' modalitajiet għall-awtorizzazzjoni u għall-eżekuzzjoni ta' proġetti li jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent għandu jitqies li huwa ġabra sinjifikattiva u b'hekk li huwa pjan jew programm jekk dawn l-effetti ambjentali tal-proġetti jirriżultaw proprju mill-kriterji u mill-modalitajiet inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, jekk il-kriterji u l-modalitajiet stabbiliti ma jistgħux jikkawżaw effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, ma jkunx hemm ġabra sinjifikattiva u għaldaqstant lanqas pjan jew programm.

28. Għaldaqstant, meta jiġi eżaminat jekk hemmx pjan jew programm fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA, għandu jiġi mistħarreġ jekk l-ispeċifikazzjonijiet tal-miżura kkonċernata humiex mistennija jikkawżaw effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

### *C. Fuq l-applikazzjoni tal-kriterji għal "pjanijiet u programmi"*

29. Fil-kawża preżenti, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) ser ikun responsabbli sabiex jeżamina jekk ir-regolament dwar l-ippjanar urbanistiku fuq il-bażi ta' żoni kontenzjuż jissodisfax dawn il-kriterji.

30. Waqt dan l-eżami probabbilment ser ikun sinjifikattiv li, skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, ir-regolament dwar l-ippjanar urbanistiku fuq il-bażi ta' żoni jinkludi partikolarment regoli fir-rigward tal-lok u tal-għoli tal-bini kif ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi għad-disinn taż-żoni madwar il-binjiet u, fl-intier tiegħu, għandu bħala għan it-trasformazzjoni tad-distrett ikkonċernat. Skont kif jiġu ddefiniti dawn il-kriterji u l-modalitajiet, jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent urban, pereżempju fuq il-klima lokali u fuq il-bijodiversità.

31. Min-naħa l-oħra, *prima facie* ma huwiex evidenti kemm ir-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-fajls ta' applikazzjonijiet ta' ppjanar urbanistiku sottomessi għall-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent f'dan id-distrett jistgħu jikkawżaw effetti fuq l-ambjent.

### *D. Fuq l-oġġezzjonijiet tar-Renju tal-Belġju*

32. Madankollu, ir-Renju tal-Belġju joġġezzjona li r-regolament dwar l-ippjanar urbanistiku fuq il-bażi ta' żoni kontenzjuż diġà ma jistax jikkostitwixxi "pjan jew programm" minħabba l-fatt li hija kkonċernata regola ġenerali ta' natura leġiżlattiva.

33. Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li saħansitra liġi proposta minn gvern ta' Stat Membru, adottata mill-parlament, tissodisfa l-prerekwiżiti kollha stipulati fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA. Dan għaliex anki liġi hija rregolata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, proprju fil-kostituzzjoni rispettiva, li tistabbilixxi l-"awtoritajiet" kompetenti f'dan ir-rigward u l-proċeduri għall-preparazzjoni tagħha.

13 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Frar 2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne (C-41/11, EU:C:2012:103, punt 40), tat-22 ta' Marzu 2012, Inter-Environnement Bruxelles *et* (C-567/10, EU:C:2012:159, punt 30), u tas-27 ta' Ottubru 2016, D'Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, punt 39).

34. Madankollu, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja korrettament ċaħdet kemm l-esklużjoni kategorika ta' miżuri leġiżlattivi mill-kunċett "pjanijiet u programmi" kif ukoll analoġija għall-kategoriji tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [14] u tal-Protokoll ta' Kiev [15]. Fil-fatt, minn naħa, miżuri leġiżlattivi huma espliċitament parti mill-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESA [16] u, min-naħa l-oħra, id-Direttiva ESA tiddistingwi ruħha mill-Konvenzjoni ta' Aarhus u mill-Protokoll ta' Kiev sa fejn din id-direttiva ma tinkludix preċiżament dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' politiki jew ma' leġiżlazzjonijiet ġenerali li jeħtieġu delimitazzjoni fir-rigward ta' "pjanijiet u programmi" [17].

35. It-tentattiv tar-Renju tal-Belġju sabiex il-kunċett "pjanijiet u programmi" jiġi interpretat b'mod iktar restrittiv milli fis-sentenza D'Oultremont ukoll ma jikkonvinċinix.

36. Bħala riżultat, ir-Renju tal-Belġju primarjament irid ikopri programmi konkreti tal-amministrazzjoni li bihom l-awtoritajiet jiffissaw għanijiet speċifiċi u jiddefinixxu l-fondi li għandhom jiġu allokati kif ukoll il-qafas ta' żmien.

37. Bħala oġġezzjoni għal dan għandu jingħad li l-kunċett "pjanijiet u programmi" proprju ma jinkludix biss programmi imma anki pjanijiet. Dawn tal-aħħar, l-iktar l-iktar, jistgħu jiġu integrati biss b'mod indirett ħafna fl-approċċ programmatiku tar-Renju tal-Belġju peress li normalment mhux biss għandhom jiggwidaw l-aġir tal-awtoritajiet iżda, partikolarment, anki jekk indirettament permezz tal-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni, il-proġetti ta' atturi privati. Dan jidher ukoll partikolarment fl-Artikolu 3(2)(a) u (4) tad-Direttiva ESA. Is-suġġett taż-żewġ għażliet tal-obbligu tal-eżami primarjament ma huwiex il-programmi iżda kull darba l-qafas għall-awtorizzazzjoni ta' proġetti. Dan għaliex huwa għan tad-Direttiva ESA li tiġi ggarantita l-evalwazzjoni ambjentali ta' rekwiżiti tal-ippjanar rilevanti għal proġetti suġġetti għad-Direttiva EEA [18].

38. Finalment, ir-Renju tal-Belġju jenfasizza l-inċertezza legali li tirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li din tkopri għadd ta' regoli ġenerali li ġew adottati mingħajr evalwazzjoni ambjentali wara l-iskadenza tat-terminu għall-implementazzjoni tad-Direttiva ESA.

39. Madankollu, din l-inċertezza tonqos, għall-inqas parzjalment, permezz tas-sentenza tas-sena li għaddiet fil-kawża Association France Nature Environnement, li tippermetti lill-qrati nazzjonali sabiex, taħt ċerti kundizzjonijiet, temporanjament iżommu fis-seħħ l-effetti ta' miżuri li ġew adottati bi ksur tad-Direttiva ESA [19].

40. Għaldaqstant, fil-qosor, għandu jiġi kkonstatat li l-oġġezzjonijiet imqajma mir-Renju tal-Belġju ma għandhomx jintlaqgħu.

41. Madankollu, nixtieq nirrimarka li huwa minnu li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja possibbilment estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ESA iktar milli kien intenzjonat mil-leġiżlatur u iktar milli setgħu jipprevedu l-Istati Membri. Fil-fehma tiegħi, madankollu, din il-possibbiltà ma tirriżultax mid-definizzjoni tal-kunċett "pjanijiet u programmi", iżda mill-interpretazzjoni tal-karatteristika fit-tieni inċiż tal-Artikolu 2(a), li tipprovdi li dawn għandhom ikunu meħtieġa minn liġijiet, minn regolamenti jew minn dispożizzjonijiet amministrattivi.

14 Konvenzjoni tal-1998 dwar l-aċċess għat-tagħrif, il-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess deċiżjonali u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ambjentali (ĠU 2005, L 124, p. 4), adottata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU L 164M, p. 17).

15 Protkoll tal-2003 dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali għall-Konvenzjoni ta' Espoo tal-UN/ECE tal-1991 dwar il-Valutazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (ĠU 2008, L 308, p. 35), adottat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/871/KE tal-20 ta' Ottubru 2008 (ĠU 2008, L 308, p. 33).

16 Sentenzi tas-17 ta' Ġunju 2010, Terre wallonne u Inter-Environnement Wallonie (C-105/09 u C-110/09, EU:C:2010:355, punt 47), u tas-27 ta' Ottubru 2016, D'Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, punt 52).

17 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, D'Oultremont *et* (C-290/15, EU:C:2016:816, punt 53).

18 Ara r-referenzi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

19 Sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement (C-379/15, EU:C:2016:603).

42. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, kif diġà semmejt, għandu jkun suffiċjenti li miżura tkun irregolata fil-leġiżlazzjoni u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, li jistabbilixxu l-awtoritajiet kompetenti sabiex jadottawha u l-proċeduri għall-preparazzjoni tagħha[20]. Għaldaqstant, ma hemmx bżonn obbligu pjuttost rari li l-miżura inkwistjoni tiġi adottata, iżda huwa suffiċjenti jekk din tiġi pprovduta bħala strument. Dan il-fatt jestendi l-obbligu tal-evalwazzjoni ambjentali sostanzjalment. Kif diġà sostnejt, din l-interpretazzjoni bbażata fuq l-għan leġittimu ta' evalwazzjoni ambjentali li tkopri l-miżuri rilevanti kollha[21] hija f'kunflitt mar-rieda identifikabbli tal-leġiżlatur[22]. Kien għalhekk li s-Supreme Court (il-Qorti Suprema, ir-Renju Unit) ikkritikatha bl-aħrax[23], mingħajr madankollu ma ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

43. Madankollu, din il-ġurisprudenza la qiegħda tiġi kkontestata minn din it-talba għal deċiżjoni preliminari u lanqas mill-partijiet. Għaldaqstant, fil-proċedura preżenti l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tidħol fiha u teżaminaha fuq inizjattiva tagħha stess, iżda għandha tirriżerva dan għal opportunità iktar xierqa.

## V. Konklużjoni

44. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

Meta jiġi eżaminat jekk hemmx pjan jew programm fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ambjentali ta' ċerti pjanijiet u programmi, għandu jiġi mistħarreġ jekk l-ispeċifikazzjonijiet tal-miżura inkwistjoni humiex mistennija jikkawżaw effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent.

20 Sentenza tat-22 ta' Marzu 2012, Inter-Environnement Bruxelles *et* (C-567/10, EU:C:2012:159, punt 31).

21 Ara sentenza tat-22 ta' Marzu 2012, Inter-Environnement Bruxelles *et* (C-567/10, EU:C:2012:159, punt 30).

22 Konklużjonijiet fil-kawża Inter-Environnement Bruxelles *et* (C-567/10, EU:C:2011:755, punti 18 u 19).

23 HS2 Action Alliance Ltd, R (on the application of) v The Secretary of State for Transport & Anor [2014] UKSC 3, punti 175-189.